# Xemgħa Mixgħula

Il-bieraħ, bix-xemgħa quddiemi,
kont naqra rumanz... fuq saltniet;
bdejt ngħaġġel ħa' nfittex intemmu:
ħakmuni tal-kotba x-xenqiet.

'Mma x-xemgħa, xħin waslet fi tmiemha,
bdiet tnaqqas dawlitha, bdiet tmil:
kien ilha l-imsejkna ddawwalli:
kemm kotba qrat miegħi f'lejl twil!...

Urietni fis-safa mħabbitha
u l-ħlewwa fix-xrara tan-nar;
stħajjiltu d-dmugħ nieżel ma' wiċċha
xħin ċarċar imdewweb il-qtar.

Sa l-aħħar, ja xemgħa, bqajt tikbes,
fil-ftila ħallejtli n-nirien....
imma issa fik biss ifakkruni
il-kotba li qrajna flimkien....

FRAN. CAMILLERI.